Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
## Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
## IT-TMIEN LEĠISLATURA
## Laqgħa Numru 26
## It-Tlieta 25 ta'Mejju 2021

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' online fil-5:30pm.

### PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai :
Romina Galea : Viċi Sindku
Jean Claude Borg : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Charles Selvaggi : Kunsillier (Dahal 7:10 pm)
Maurice Agius : Kunsillier
Judy Sciberras : Kunsillier (Harget 7:30 pm)
Emanuel Brincat : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

### ASSENTI

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**26.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

26.1.01 Il-Kunsilliera kollha kienu preżenti għas-seduta.
Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera preżenti li s-Sur Charles Selvaggi ma jistax jattendi fil-ħin iżda se jingħaqad aktar tard.

**24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

26.2.01 Il-Minuti ta'Seduti L8-24 ittieħdu bħala moqrija.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**26.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

26.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li saret laqgħa mar-rappreżentanti tal-PA fis-27 ta'April dwar il-fondi għall-żvilupp li jista' jużа il-kunsill lokali. Hawn tat dettalji dwar dak diskuss fil-laqgħa fosthom l-applikazzjonijiet pendenti li fil-mument huma friżati sakemm jkun magħruf x'se jsir eżatt fil-proġett tal-flyover u kif il-fond jista' jkun użat għall-bini tal-kunsill.

26.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħet mar-rappreżentanti tad-Dipartiment għat-Tindif fejn ġie diskuss il-kontinwazzjoni tal-MOU kurrenti u tindif tal-culverts.

26.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda komunikazzjoni dwar l-Inizzjattiva tal-WIFI4EU u spjegat li d-diviżjoni ser toħroġ sejħa oħra għall-offerti għal proġett kollu skont ir-rekwiżiti tal-EU u timplimenta l-proġett b'mod holistiku inkluż li joffri s-servizz b'xejn tal-WIFI lil pubbliku. Hawn fakkret lil kunsilliera preżenti b'referenza għall-minuti 16.5.01 li l-Kunsilli kien ħa deċiżjoni biex dawn jekk hu possibbli jiġu mnaqqas la ma jistgħux ikunu kontrollati.

26.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda komunikazzjoni dwar Skema 2 - Manutenzjoni tal-komun fil-binjiet tal-Gvern fejn għal sena oħra l-Awtorità tad-Djar qed tagħti l-fakultà lill-Kunsill Lokali tal-Imsida jipparteċipa f'din l-iskema u jgħin lir-residenti tal-aħħar 3 blokk li fadal jieħdu sehem iwaqqfu l-għaqda tar-residenti u jaħtru l-amministratur tal-fiduċja tagħhom.

26.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarfet lill kunsilliera preżenti dwar stedina għall-konferenza Anzjanità Attiva biex tiġbor l-opinjoni tal-anzjani nfushom u tal-partijiet interessati permezz ta' workshops, kif ukoll tistieden iżjed kollaborazzjoni ma' entitajiet fi proġetti relatati mal-qasam tal-anzjani. L-għan huwa li tonqos is-solitudni fost l-anzjani u jkunu mħeġġa sabiex jużaw l-esperjenzi u l-abbiltajiet tagħhom biex ikomplu jkunu attivi fis-soċjetà' Maltija u fil-komunitajiet fejn jgħixu.

26.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarfet lill kunsilliera preżenti li matul l-aħhar ġimghat il-kunsill waslulu bosta ilmenti u anke saru mistoqsijiet mill-midja dwar drenaġġ li qed ifur u jmur ġol-baħar. Wara li saru diversi kuntatti mal-WSC jidher li għamlu spezzjoni tas-sistema, fejn tinsab infurmata li hemm problema serja li teħtieġ xogħol ta'emerġenza.

26.3.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarfet lill kunsilliera preżenti li l-kunsill bħal kull sena se jipparteċipa billi jixgħel il-faċċata tal-bini amministrattiv vjola bejn l-1 u t- 12 ta'Mejju għall- Light Up the Night 2021 bħala appoġġ ma' min qed jissielet kontra ME, CFS u Fibromyalgia. Filwaqt li se jsir l-istess bid-dawl aħmar fl-14 ta Ġunju għall-jum dinji tad-donaturi tad-demm.

26.3.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda Cir AKL 2021/042 dwar Reverse vending machines fejn l-AKL fasslet document draft għall-opinjoni tal-Kunsilli lokali. Għalhekk talbet lill kunsilliera preżenti biex jekk għandhom xi kummenti jgħadduhom biex dawn l-osservazzjonijiet jitwasslu qabel l-aħhar tax-xahar.

26.3.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda notifika reġistrata fejn għarrfet lill kunsilliera preżenti li l-ERA qed tordna lil Kunsilli Lokali biex ikunu konformi ma' regolament dwar l-skart (L.S 549.63) kif emendat f'sezzjoni 10(2) li jobbliga li jkun hemm provdut sett ta'recycle points għal kull 2000 resident. Hawn kompliet tispjega li din wasslet għall bosta ilmenti mill-Kunsilli Lokali mal-AKL li se tibgħat risposta lill ERA.

26.3.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li fl-aħhar sar il-ħajt ma'sit go Triq il-Ħarrub wara bosta drabi u snin li l-propjetarji ntalbu biex dan ssir.

**26.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

26.4.01 B'referenza għall-minuti 24.4.02,is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li l-binja fejn kien hemm l-ufficċju għar-refuġjati go Triq D'Argens huwa propjetà privata.

26.4.02 B'referenza għall-minuti 24.4.05, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li l-STL għall-bozza go triq Dijonisju Fammucelli għada pendenti biex tkun imqabbda mad-distribuzzjoni.
B'referenza għall-minuti 24.4.07, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li reġgħet inġibdet l-attenzjoni tal-kuntrattur fuq il-hoarding u l-ġakketta.
Is-Sur Maurice Agius reġa' ġibed l-attenzjoni li l-kolletturi tal-iskart mhux dejjem qed jkunu bil-ġakketta jew wieħed ikun u ieħor le.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew kif hawn ħafna nies qed joħorġu l-iskart bl-addoċċ u nuqqas ta'dixxiplina kemm minn barranin u anke Maltin.

26.4.03 B'referenza għall-minuti 24.4.08 dwar il-proġett tal-Flyover, is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq il-proposta tal-kunsill għall-pedestrian underpass flok il-bridges kif diskuss waqt il-laqgħa mal-perit.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li sal-ġurnata ma kien hemm xejn iżda li waslu pjanta u disinn b'żewġt proposti differenti fejn tal-ewwel qed tissuġġerixxi li tikber il pjazza billi tissaqaf il ħofra waqt li disinn qed jissuġġerixxi biex it-traffiku jgħaddi minn underpass flok il-flyover. Hawn poġġiet il-pjanta u disinn fuq il-mejda u kompliet tispjega li għalkemm il-pjazza tidher akbar u isbaħ xorta ma toħroġx b'soluzzjoni flok il pedestrian bridges li huma il-qofol tal-problema filwaqt li it-tieni proposta meħuda minn idea ta' proġett ieħor fil-Ġermanja ma tidħolx fuq dettalji tekniċi li jridu jaraw l-IM ħalli jikkunsidraw kif jista' jgħaddi kollox minn taht l-art meta ġa tidher li hi problema biex issir pedestrian underpass.

Is-Sur Alfred Farrugia staqsa meta tista' ssir il-laqgħa pubblika.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet sal-ġurnata l-kunsill ma għandu xejn aktar minn dawn iż-żewġt pjanti u disinn f'idejh filwaqt li ħadd minn dawk li għamlu kummenti għadu ma ħareġ b'proposti oħra. Meta ssir il-laqgħa rrid jkun hemm xi bażi fuq xiex tiddiskuti.

Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar il-PA number tal-proġett għax xtaq jara f'hiex wasal il-proċess tal-applikazzjoni.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li sa fejn huwa nfurmat dan għadu fil-proċess tar-rapporti mitluba filwaqt li min irrid jista' jidħol fuq is-sit għall-PA 2053/20.

26.4.04 B'referenza għall-minuti 24.4.09, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti dwar l-aċċess għall Triq San Andrija, li TM ma' japprovawx li tabelli jkunu speċifiċi għal trakk iżda pproponew for farmers only holding an LC permit.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li hemm bżonn nagħmlu laqgħa ma' dawn it-tlett individwi fuq il-post biex naraw eżatt fejn hi l-problema tagħhom li ma jistgħux jinżlu l-isfel.

26.4.05 B'referenza għall-minuti 24.4.10, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li l-ewwel sett ta'vari kienu waslu l-Kunsill u kienu esibiti fl-entratura.

26.4.06 B'referenza għall-minuti 24.4.11, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li l- attività tal-mixegħla fid-Duluri u l-Ġimgħa il-Kbira saru kif pjanat.

26.4.07 B'referenza għal minuti 24.4.13,is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li f' April sar ix-xogħol biex jinbidel il-ħġieġ eżistenti tal-fanali ornamentali u saru wkoll xi fanali ġodda.

26.4.08 B'referenza għal minuti 24.4.16 , Is-Sur Alfred Farrugia staqsa dwar id dawl fin-nofs tas-central strip go Triq L-Zamenhof.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kif din hija mqassma ma tantx huwa ta'parir li ssir id-dawl fin-nofs għax jiġi mgħotti mis-siġar. Fl-istess ħin hemm bżonn ssir dawl ġdid għax fit-triq hemm id-dlam għalhekk se jara jekk hux possibbli ssir fanal f'waħda mil- kantunieri skond fejn jkun l-aħjar u ssir applikazzjoni għall-bozza ġdida.

26.4.09 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar l-iskart li qed jintrema fuq central strip go Triq L-Zamenhof.
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li din dejjem qed jkun hemm problema iżda meta tifli l-imbarazz fir-ritratt mibgħut riċenti jidher ċar li huma ppakkjar ta' xi magna mhux industrijali li taħdem l-injam u magħhom hemm skart ieħor li ma jidhirx li huwa kummerċjali iżda affarijiet oħra li huma domestiċi.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li ftit ġimghat ilu telgħet flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u kellmet lill operaturi tal-imħażen u anke tal-ħanut faċċata fejn insistiet biex dawn ineħħu dak li tefgħu għas-spejjez tagħhom. Hawn għarfet lill kunsilliera preżenti li tal-imħażen li ma għadhomx joperaw kif kienu qabel fil fatt kellhom l-skips ġewwa għal iskart mħallat li qed jinġabar minn kuntrattur privat. Dik in-nhar stess dawn infurmaw lill kunsill li saru wkoll arranġamenti simili għall-boroż tar-riċiklaġġ.

26.4.10 B'referenza għal minuti 24.4.17. Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li saret laqgħa ma' rappreżentat tat-transport pubbliku fejn ġew diskussi r-rotot eżistenti u jkunu kunsidrati oħrajn ġodda. Hawn spjegat li mal-ewwel tawna risposta li r-rotta minn Triq Bieb it-Torri ma tistax ssir filwaqt li se jaraw fuq l-oħrajn.

26.4.11 B'referenza għall-minuti 18.3.05 dwar skema għall-għoti ta' siġar u pjanti. Is-Sur Alfred Farrugia staqsa jekk kienx hemm risposta mill-Ministeru għat-Turiżmu.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ma kienx hemm żviluppi filwaqt li għadu ma għamilx kuntatt biex jivverifika dwarhom.

26.4.12 B'referenza għall-minuti 24.5.07 staqsa fhiex wasal il- ktieb 'Għall Għonq it-Triq'.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li wasal fil-fażi finali tal-istampar.

26.4.13 B'referenza għal minuti 24.5.08, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li l-kunsill ma setax jagħmel in-nomina għal Premju Zagħżugħ tas-sena organizzata mill-Għaqda Kerygma fejn spjegat li wara kien realizzat li bi żvista, d-data kienet ġa għalqet.

**26.5 Items oħra ta' Xogħol, ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

26.5.01 B'referenza għal minuti 24.4.14 dwar SPI/SCI/2/2021, għall-fondi fuq Attivitajiet Kulturali Annwali 2021, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li minħabba l-limitazzjonijiet ta' attivitajiet li jistgħu ssiru fid-dawl ta'ċirkostanzi preżenti saret applikazzjoni bi proposta li qed tħares lejn alternattiva teknoloġika biex jwassal proġett li jista' jkun meqjus bħala attività li f'pakkett wieħed twassal kultura, edukazzjoni u informazzjoni. Hawn kompla jispjega li l-għan ta' din il-proposta huwa li tinbena karatteristika online interattivi u integrata li tippermetti lill-viżitaturi esperjenza ta'postijiet u s-siti lokali li se jiġu ppreżentati b'mod virtwali li tkun faċli għall-utent u li tkun iddisinjata u maħluqa bħala parti mill-websajt u l-app mobbli kurrenti tal-Imsida. L -applikazzjoni preżentata tipproponi żewġt alternattivi ta' estimi li għall proġett fejn l-ammont ta' finanzjament jista' jkun wieħed globali jew għall proġett iżgħar (85% minn €21,299) li wara jista' jkompli jkun żviluppat skond il-bżonn fuq numru ta' żmien minn skemi ta'fondi oħra li jista' jkun hemm. Dejjem jekk dan jkun approvat.

Il-kunsilliera preżenti approvaw unanimament.

26.5.02 B'referenza għal minuti 24.4.15, dwar installazzjoni ta' kameras is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li din saret l-ewwel laqgħa segwita minn oħra bejn il-membri tal-Kunsill mal-LESA fejn ġew diskussi affarijiet tekniċi li hemm bżonn ssir u kif taħdem s-sistema. Saret ukoll applikazzjoni għall 80% minn €28,898,86 mill-fondi LESA għall Proġetti fil-Komunità biex matul is-sena 2021 jittieħdu l-ewwel passi biex ikun hemm titjieb fis-sorveljanza tal-lokalita' permess ta' 10 kameras taht is-superviżjoni tal-LESA li jkunu go numru ta' postijiet meqjusa zona ħamra. L-istima komprensiva tkopri l-spejjez inkluż 3 snin WIFI iżda l-applikazzjoni hija suġġett għall-evalwazzjoni u l-ammont ta' fondi li jista' jkun approvat

Il-kunsilliera preżenti approvaw unanimament.

26.5.03 B'referenza għal minuti 23.5.09 dwar ċirkulari SPI/SCI/2/2021 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li saret applikazzjoni għall 85% fondi fuq stima komprensiva li tkopri l-ispejjez ta €17,722.26 biex ssir titjieb fil-playing fields tas-Swatar. Il-proposta tinkludi nstallazzjoni ta'apparat ġdid li jibdel l-istruttura eżistenti u ieħor għal tfal li jridu attenzjoni speċjali, tinbidel is-sistema ta'dawl b'mudell aktar effiċjenti u li juri aktar u biex tkun installat sistema bil-kameras għal sorveljanza aħjar mill-LESA. L-applikazzjoni hija suġġett għall evalwazzjoni u l-ammont ta' fondi li jista' jkun approvat.

Il-kunsilliera preżenti approvaw unanimament.

26.5.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti dwar korrispondenza b'dettalji dwar fondi ntitolati lill-Kunsill Lokali mir-rimborz tal-LESA. Dawn l-ammonti kienu ġew diskussi u approvati fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun li kienet inżammet nhar il-Ħamis 25 ta' Marzu 2021.Giet ikkonfermata l-proċedura li kull Kunsill Lokali għandu jimxi magħha sabiex ikun jista' jibbenefika minn dawn il-fondi. Kull Kunsill Lokali għandu jressaq it-talba tiegħu bil-miktub sabiex din tkun tista' tiġi diskussa u approvata mill-laqgħa tar-Reġjun.

Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-ammont ta fondi għall l-Imsida huma €4,854.74. Hawn kompla jispjega b'referenza għall-minuti 24.5.02 li dan l-ammont jista' jintuża biex jagħmel tajjeb għall qtugħ ta'trinek u distribuzzjoni ġdida biex ssiru l- fanali go Triq Dun Kalcidon Schembri li tammonta għal- €3332 mingħajr VAT u il-kumplament jintużaw għall- parti mill-fanali ġodda.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

26.5.05 B' referenza għal minuti 23.5.12, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li l-kuntrattur tal-kunsill lesta l-istima għall- xogħolijiet biex ssiru fanali go Triq Dun Kalcidon Schembri li tammonta għall €3332 mingħajr VAT għall qtugħ ta' trinek u distribuzzjoni ġdida tad-dawl minn taht it-triq.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

26.5.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda Cir AKL 2021/037 u għarrfet lill kunsilliera preżenti dwar il-Group Life Policy li l-AKL qed toffri lil kunsilli lokali li tkopri Presidenti Reġjonali, Sindki, Viċi-Sindki u Kunsilliera b'rata vantaġġuża ta' €65 għal kull Membru Elett bejn 18-il sena u il-65 sena. Dawn se jkunu eżentati milli jimlew proposal forms filwaqt li għall persuni minn età bejn is-66 sa 70 sena ir-rata se tkun ta' €340 u irridu jimlew decleration of good health form. Din tibqa valida sakemm dawk eletti jibqgħu jaqdu il-funzjoni tagħhom.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

26.5.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda SPI/SCI/4/2021 dwar Korsijiet Lifelong Learning 2021/2022 offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim tul il-Hajja. Hawn għarrfet lill kunsilliera preżenti li l-kunsill qed jerġa joffri id-Day Center għal-istess suġġetti tas-sena preċedenti.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

26.5.08 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li se jkun hemm xogħol ta' żvilupp go Triq Esperanto fejn se jkun hemm bżonn ssir tower crane. Wara konsultazzjoni ma' TM dawn ppropenew biex it-triq ssir one way ħalli tkun aktar sigura. Għalhekk l-iżviluppatur intalab jġib konferma bil-miktub biex jkun żgurat li l-kanċell tal-Università se jibqa' miftuħ sakemm ix-xogħol jitlesta kif maħsub sa' Settembru 2021. Hawn kompla jispjega li l-Università konfermat li din se tibqa miftuħa minħabba li hemm wkoll ix-xogħol fil-proġetti tagħhom għaddejja.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament li Triq Esperanto ssir one way kif qed tipproponi TM.

26.5.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda talba minn stabbiliment go Xatt Ta'Xbiex biex jkun jista' jarma big screen għal perjodu tal-Euro cup bejn Ġunju u Lulju.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament li l-permess joħorġuh mhux għal perjodu sħiħ iżda li jkun jiġġedded skond ir-regolamenti tas- saħħa flimkien mal-kundizzjonijiet li tista' tagħmel il-pulizija.

26.5.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda talba mil-għaqda taż-żgħażagħ fi ħdan il-Melita Band Club biex ssiru żewġt attivitajiet f'Ġunju u Lulju għal ġbir ta'fondi permezz ta' carwash go Misraħ 5 ta'Ottubru.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament li l-permess joħorġuh sakemm ir-regolamenti ta'saħħa jippermetti flimkien mal-kundizzjonijiet li tista' tagħmel il-pulizija.

26.5.11 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda talba mil-Club tal-Boċċi biex bħal kull sena ssir it-tombla tas-sajf go Misraħ 5 ta'Ottubru.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament li l-permess joħorġuh sakemm ir-regolamenti ta'saħħa jippermetti flimkien mal-kundizzjonijiet li tista' tagħmel il-pulizija. Ma' dawn irrid ikun hemm inklużi dawk ir-regolamenti kif stabbiliti mill-kunsill fis-sentejn preċedenti marbuta bl-istess ammont ta' garanzija.

26.5.12 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda email "Desired street name for amazing woman" minn persuna li tat deskrizzjoni ta' omma li għexet hajja eżemplari marbuta ma' talba biex tissemma triq għaliha.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew it-talba u filwaqt li apprezzat is-suġġett u l-ġest warajh, unanimament ma japprovawx.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai kompliet taghti taghrif ta' email li rcevejna mill- Kumitat ghat-Tismija ta' Toroq, fejn infurmawna li ser isir door numbering go Triq il-Kunċizzjoni u Triq ix-Xatt tal-Imsida. Barra minhekk Triq Garcin hemm bzonn isir d-door numbering minhabba li qed iccemplu xi residenti fl-ufficini taghhom izda minhabba li l-konfigurazzjoni taghha ma taghmiliex possibli li tigi nnumerata imma ghandu jsir bdil fl-isem tat-triq f'parti minnha. Is- Sindku kompliet li kienet diga ntbaghtet ittra lir-residenti fuq dan il-punt u l-Kunsill ma rcieva xejn hlief 2 minn nies li kitbu fuq il-midja socjali li ma jaqblux. Il-Kunsill iddiskuta dan il-kaz u qabel li ghandu jinbidel l-isem tat-triq u jsir id-door numbering.

Ukoll hemm fl-istess email gie msemmi li residenti minn Triq il- Balljiu Guttenberg qed jitolbu numru ufficjali tal-bieb taghhom izda biex tissolva din il-problema gie suggerit li parti bejn k/m Triq Indri Grima u k/m Triq Ġużè Ellul Mercer tissemma isem ġdid u b'hekk ikun jista' jsir numerar ta' bibien fil-parti l-oħra wkoll li tinsab bejn k/m Triq Ġużè Ellul Mercer u k/m Triq is-Swatar.

Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar Triq it-Torri kif hi maqsuma.
Is-Sur Maurice Agius ssuġġerixxa li dawn jibqgħu Torri u deskritti fuq u isfel.

26.5.13 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li ġew il-kunsill tlett rappreżentanti tal-Associazione Serviziocivile e sostegno disabili ta' Ragusa biex jipproponu ftehim ta' kollaborazzjoni biex ssir applikazzjoni komuni flimkien ma' kunsilli u għaqdiet oħra bi skop li jkun propost programm biex jiġu żagħżagħ Taljani għal xogħol volontarju ma' anzjani go Malta permezz ta' fondi ta' din l-ghaqda. Hawn spjegat li Nanniet Malta li kienu wkoll preżenti għal laqgħa se jkunu il-kordinaturi tal-programm go lokalitajiet differenti.

26.5.14 B'referenza għal programm ta' ħidma tal-kunsill, is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda stimi biex ssir xogħol ta'manutenzjoni fuq il-bankini ta'Triq Esperanto li huma fi stat ħażin.
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dan se jkun xogħol ta' manutenzjoni biss li jinkludi kisi u jinbidlu xi kurduni fejn jkun hemm bżonn iżda mhux se jmissu ma' servizzi tal-ilma jew drenaġġ għax dan iwassal għal rikostruzzjoni li ma hux fil- funzjoni tal-kunsill. l-istimi oriġinali ġew verifikati mill-perit tal-kunsill għal qisien fejn saru wkoll xi emendi biex jkunu aktar ċari u konformi mal-BOQ tal-kuntratt. Hawn kompla jispjega li l-istimi huma skond ix-xogħol li jrid iżda se tkun il-perit li se tieħu ħsieb tivverifika kull xogħol li jkun qed ssir li għalih trid tikkonferma u tiċċertifika il-kejl finali.

Il-kunsilliera preżenti approvaw unanimament.

26.5.15 Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar niċċa tad-Duluri fi Triq il-Wied u ppropona biex ssir fanal żgħir għax hija fid-dlam.

Il-kunsilliera preżenti approvaw unanimament.

26.5.16 Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar l-attivitajiet għas-sajf staqsa jekk jistax almenu jipprepara draft ta' programm ħalli jkun lest fil-każ li jkun hemm xi tibdil fir-restrizzjonijiet.
Il-kunsilliera preżenti approvaw unanimament.

26.5.17 Is-Sinjura Judy Sciberras tkellmet dwar possibilità li jkun hemm kamra li tista' tintuża biex ssiru attivitajiet għat-tfal.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

26.5.18 Is-Sinjura Judy Sciberras tkellmet dwar it-tindif tal-iSkate park.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

26.5.19 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar bowser jew tal-ilma li kien qed jaħdem kmieni filgħodu.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

26.5.20 Is-Sur Charles Selvaggi u Emanuel Brincat tkellmu fuq xi ġebel li qed jaqaw go Triq Reġjonali.

26.5.21 B'referenza għall-minuti 24.5.01 dwar l-emendi għal Bye Law tal-Iskall il-kunsill ddiskuta u qablu unanimament biex id-diskussjoni tarġa tkun posposta għall seduta oħra.

26.5.22 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda talba għal danni.

Is-Sinjura Judy Sciberras dikjarat konflitt ta' interess u ħarġet mis-seduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li Is-Sinjura Judy Sciberras qed titlob ħlas għal danni.
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li s-Sinjura Judy Sciberras kitbet lil kunsill għax tinsab infurmata minn Infrastruttura Malta li skont (l-Art 363 Liġijiet ta 'Malta) il-kunsill huwa responsabbli għal kwalunkwe ħsara peress li t-toroq li semmiet fejn qed tgħid li hija kella l-inċidenti mhumiex toroq ewlenin u allura mhux taħt ir-responsabbiltà tagħhom. Għalhekk kienet qed titlob ħlas għad-danni kawżati f'inċidenti li kella f'Mejju 2020 meta kienet qed issuq fi Triq Achille Ferris, u l-karozza tagħha marret f'ħofra li qed tgħid li ma nżammetx kif suppost mill-kunsill u skond ir-rapport tal- pulizija hekk kif indikata fir-ritratt anness. Għalhekk qed issostni li sofriet ħsara fix-xażi kif hemm deskritt fir-riċevuti. Hawn kompla jispjega li din it-talba ġa ġiet diskussa f'seduta preċedenti b'referenza għal minuti 14.5.11 ta' Ġunju 2020. Ma' dan qed titlob wkoll ħlas għal danni li sofriet Diċembru 2020 meta kienet involuta f'inċident ieħor Triq Victor Denaro meta waqgħet fuq bankina. Għall dan hemm deskrizzjoni u ammonti. Hawn kompla jispjega li skont id-dikjarazzjoni ta-spejjez li bagħtet fejn it-talba totali għal ħsara fiż-żewġ inċidenti tammonta għal €1,131.67.

Is-Sur Maurice Agius ppropona li l-kunsill għandu jieħu parir legali.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li din ġa kienet diskussa u il-ħsarat msemmija ma humiex ta' pot hole li kien hemm għalhekk il-kunsill ma għandux iħallas u fil-każ nieħdu parir legali.
Is-Sinjura Romina Galea qalet li din mhux ħsara ta'pot hole u suppost taf b'sitwazzjoni ta'toroq għalhekk mhux konvinta u tħoss li qed tabbuża.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li hija bħala ssuq kuljum minn din it-triq bħal ħafna nies oħra. Anzi din taf li hemm problema kbira u sew kif hija it-triq tagħha. Barra minn hekk forsi tista' tifhem li jkun hemm ħsara go tyre biss ħadd aktar ma għamel rapport li kisser karozza sħiħa meta jgħaddi minn hemm, barra minn hekk hi taf kif inhuma t-toroq. Dan apparti kif jaf kulħadd li l-kunsill il-ħin kollu għaddej jirranġa fejn jista' sakemm dawn it-toroq ssiru .Għalhekk mhux lesta tapprova l-ħlas għal danni għax mhux konvinta. Jekk hemm il-bżonn it-talba tmur għand ir-rappreżentant legali tal-kunsill għal tribunal.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lill kunsilliera biex jieħdu deċiżjoni.
Il-kunsilliera Preżenti ħadu vot
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, Is-Sinjura Romina Galea, Is-Sur Emanuel Brincat, Is-Sur Nicholas J Chirkop u Sur Jean Claude Borg ħadu vot favur li din it-talba ma tkunx approvata filwaqt li Is-Sur Charles Selvaggi, Is-Sur Maurice Agius u Is-Sur Alfred Farrugia astjenew.

**26.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

26.6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv bagħat koppji tal- 1st Qtr : Financial indicators 1 ta'Jannar sa 31ta' Marzu 2021 li jittieħdu bħal moqrija fejn għamel spjegazzjoni tar-rapport fejn qal li l-Kunsill Lokali għalaq dan il-perjodu finanzjarju b'bilanċ pożittiv ta' 54% jew 22,290 euro u Working Capital ta' 371,513 euro li jirrifletti il-qagħda finanzjarja stabbli tal-kunsill. Hawn kompla jispjega li għal Ġunju jista' jkun hemm possibilità għal xi emendi fl-estimi anke minn dak diskuss aktar qabel.

Saret diskussjoni u rapport ġie propost, mis-Sinjura Romina Galea u s-sekondat mis-Sur Maurice Agius. Il-Kunsilliera preżenti approvaw unanimament

**26.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

26.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-26 ta' ħlasijiet bejn l-21 ta'Mejju sal-25ta'Mejju 2021 għall-approvazzjoni tal-Membri.
L-iskeda ġiet proposta mis-Sur Nicholas J Chircop u s-sekondat mis-Sur Alfred Farrugia.

Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw unanimament

**26.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

26.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:42 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 22 ta'Ġunju 2021.

Minuti konfermati, illum 22 ta'Ġunju 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |